TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

**Tribunal Ghal Talbiet Tal-Konsumatur**

**CCT G 6/15**

**Maria Portelli**

**vs**

**Jason Micallef - Sound & Vision**

**Illum 18 ta' Settembru, 2015**

It-Tribunal

Ra t-talba tat-30 ta' Marzu 2015.

Ra r-risposta tal-24 ta' April 2015.

Ra l-atti kollha processwali, sema x-xhieda.

**Ikkunsidra**

Irrizulta illi f'Lulju tas-sena 2013, ir-rikorrenti Maria Portelli xtrat *television* minghand il-konvenut. Sena u nofs wara kellha bzonn iccaqlaq dan it-*television* minn postu u billi il-*cable* kien iebes u ma setghetx taqilghu, baghtet ghas-sur Micallef peress illi t-*television* kien ghadu taht garanzija. Xi gimgha wara li kien gie l-konvenut, it-*television* zviluppa problema fis-sound u regghet baghtet ghall-konvenut biex jigi jarah. Billi hu ma kienx issewwi *television sets* kellu jiehdu mieghu u sakemm kien qed issewih, ta lir-rikorrenti *replacement television.* Ftit wara, ir-rikorrenti giet infurmata illi t-*television* taghha kellu hsarat teknici serji peress illi gie allegat li kien dahallu l-ilma minn gol-*cable* minn kaxxa fuq il-bejt u dan ma kienx kopert bil-garanzija. Ir-rikorrenti ma emmnitx din is-spjegazzjoni u nnegat illi dan seta' gara u meta l-konvenut offrilha prezz tajjeb fuq *television* gdid hi rrifjutat il-ghaliex ippretendiet illi kellu jissewwi t-*television* originali li kien ghadu taht garanzija.

Min-naha tieghu l-konvenut ikkonferma illi hu kien baghat xi hadd ghand ir-rikorrent l-ewwel darba f'Novembru tas-sena 2014 ghaliex min kien imqabbad biex ibajjad ghandha ma setax jaqla' l-*cable wire*. Din il-persuna sabet li l-*wire* kellu *corrosion* u kien ghalhekk illi ma setax jinqala'. Meta r-rikorrent regghet cemplet minhabba l-problema tas-sound, mar il-konvenut fuq il-post u ma sabx li kien hemm dan il-fault (peress illi kien *intermittent fault*). Fil-fatt kien qallha biex tara kif tmur pero' ftit wara cemplet bl-istess problema u din id-darba kellu jiehu t-*television* mieghu u hadilha iehor floku biex tinqeda. Malli l-kovenut qala' l-pin minn got-TV induna illi hareg ftit likwidu tant li idu xxarbet. Meta l-konvenut ha t-television ghat-tiswija kien avza lir-rikorrent illi

jekk jirrizulta illi hemm ilma go fih, il-garanzija ma kenitx tghodd u l-agenti ma jaccettawx illi jissewuh. Effettivament hekk gara. L-agenti taw stima ta' mitejn u hamsin Euro (€250.00) ghat-tiswija ghaliex kellu jinbidel il-mainboard. Billi dan kien prezz gholi, il-konvenut offrilha TV iehor bi prezz tajjeb (mitt Euro iktar mill-ammont li kienu kkwotwaw ghat-tiswija).

Xehed ukoll Andrew Zammit, prodott mill-konvenut illi jahdem is-*service centre* fejn jaghmlu r-repairs kollha tal-prodotti tal-Philips. Hu kkonferma illi t-television zviluppa *corrosion* u li ma setghux jaccettaw illi jsewwu taht il-garanzija.

Xhud iehor, Dominic Azzopardi, li huwa inginier tal-Philips u li jahdem mal-kumpanija ESCL xehed ukoll illi t-television kellu *corrosion* u dan kien ikkagunat minn likwidu. Hu spjega illi dan il-fenomenu ma kienx gdid ghalih u spiss jigri specjalment meta jkun hemm hsara fil-aerial tat-TV. Spjega ukoll illi anke kieku t-*television* ma giex imcaqqlaq minn post ghall-iehor, kien jigrilu hekk ghaliex f'kazijiet bhal dawn l-ilma jkun qed jidhol bil-mod.

**Ikkunsidra**

Illi wara illi sema' ix-xhieda kollha u qies ukoll il-komportament taghhom fuq il-pedana, specjalment fejn jirrigwarda aspetti teknici tal-kaz fejn dawn ix-xhieda hallew impressjoi tajba tal-mod professjonali kif spjegaw il-problema u kif ukoll il-konvenut ried jasal f'arrangament genwin mal-konvenuta, t-Tribunal huwa sodsifatt illi l-problema tal-ilma zviluppat bil-mod tul iz-zmien u kien ghalhekk illi r-rikorrenti ma setghatx taqla' l-cable tat-television minghajr ma tirikorri ghall-ghajnuna. Il-*corrosion* kien konsegwenza tal-perkolazzjoni tal-ilma fit-television li huwa verament kaz sfortunat u rari, pero' jissuciedi. Dan ma jistax jigi attribwit ghal xi difett fit-television peress illi hija xi haga kompletament estraneja ghal manifattura tieghu u ma tistax tkun koperta b'xi garanzija.

Ghalhekk it-Tribunal jidhirlu illi f'dawn ic-cirkostanzi ghandu jaqta u jiddeciedi li jichad it-talba tar-rikorrenti bl-ispejjes kontra taghha.

**Michela Spiteri LL.D**
**Arbitru**